MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Talba Numru. 215/2012

**GO p.l.c. [C-22334]**

**vs**

**Alfred Pesci [K.I. Nru. 252755M]**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa fil-15 ta' Marzu, 2012 u li permezz taghha s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u hamsin euro u wiehed u hamsin centezmi ta' euro (€350.51) u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u hamsin euro wiehed u hamsin centezmu (€350.51), skont l-anness prospett markat Dok. A, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi tat-televizjoni, telefon u internet numru tal-kont A/C 40099383, moghtija mis-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-ahhar pagament u cioe mill-1 ta' Dicembru, 2010 kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fit-23 ta' Marzu, 2012, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar is-27 ta' April, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar is-27 ta' April, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra d-dokumentazzjoni esebita mill-istess socjeta attrici, u cioe d-dokument A (prospett tal-kont numru 40099383);

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u hamsin euro u wiehed u hamsin centezmi ta' euro (€350.51), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------